**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)**

**Appell Nru: 375 / 2020**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Roderick Attard)**

**Vs**

**Daniel Desmond Borg**

Illum 28 ta' Settembru 2021

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant Daniel Desmond Borg, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 54990 M, akkuzata quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

1) Nhar il-5 ta' Awwissu 2020 u fil-jiem ta' qabel gewwa l-gzejjer Maltin gab ruhu b' mod illi ta' fastidju lil Marie Louise Stanyer, l-eks tfajla tieghu.

2) Nhar il-5 ta' Awwissu 2020 u fil-jiem ta' qabel gewwa l-gzejjer Maltin, bl-imgieba tieghu ikkaguna lil-istess Marie Louise Stanyer, l-eks tfajla tieghu biza' li se tintuzha vjolenza kontriha.

3) Akkuzat aktar talli nhar il-5 ta' Awissu 2020, ghall-habta ta' bejn is-saghtejn ta' wara nofsinhar (14:00hrs) u s-sitta ta' filghaxija (18:00hrs) gewwa Hal Far

u/jew f' inhawi ohra fil-gzejjer Maltin, kiser volontarjament il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku.

4) Akkuzat aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ghamel lil Marie Louise Stanyer ingurji jew theddid mhux imsemmijin band' ohra f' dan il-Kodici, jew jekk ikunipprovokat, jingurja b' mod li johrog barra mil-limiti tal-provokazzjoni

5) Akkuzat aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi minghajr ma darab jew sawwat, hedded bi hwejjeg ohra iebsin, jew iwaddabhom, jew jaqbad armi ohra kontra Marie Louise Stanyer.

6) Akkuzat ukoll talli nhar il-5 ta' Awissu 2020, u/jew fil-jiem ta' qabel gewwa l-gzejjer Maltin permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika hedded li jaghmel xi reat.

7) Akkuzat ukoll talli nhar il-5 ta' Awissu u/jew fil-jiem ta' qabel gewwa l-gzejjer Maltin permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika ghamilt uzu iehor mhux xieraq bih.

Il-Qorti giet mitluba li titratta ma' Daniel Desmond Borg bhala persuna recidiva ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-kap 9 tal-ligijiet ta' Malta b' numru ta' sentenzi li gew definitivvi u li ma jistghux jigu appelati.

Il-Qorti giet gentilment mitluba li f' kaz ta' htija minbarra li tinflingi l-piena stabbilita mill-ligi, tordna lill-imsemmi persuna sabiex jthallsu l-ispejjez li ghandom x' jaqsmu mal-hatra taa; l-esperti, jekk ikun il-kaz, kif pruvat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta

F' kaz ta' htija, u anke' matul l-mori tal-kawza, l-Qorti hija mitluba sabiex tipprovdi ghas-sigurta ta' Marie Louise Stanyer ai termini ta' l-artikolu 412C , tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' nhar id-29 ta' Lulju, 2021, fejn il-Qorti filwaqt li ma sabitx lil DANIEL DESMOND BORG hati tal-ewwel, it-tieni, is-sitt u s-seba' imputazzjonijiet u illiberatu minnhom, wara li rat l-Artikoli 338 (dd), 339 (1) (b) u 339 (1) (e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabitu hati tat-tielet, ir-raba' u l-hames imputazzjonijiet kif ukoll tal-addebitu tar-recidiva taht l-Artikolu 49 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u ikkundannatu gimgha detenzjoni.

B' applikazzjoni u ghall-finijiet tal-Artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u billi qieset li huwa xieraq sabiex tipprovdi ghas-sigurta` tal-persuna ta' Marie Louise Stanyer, il-Qorti rabtet lill-hati b' obbligazzjoni tieghu nnifsu li ma jimmolestax u ma jdejjaqx lill-istess Marie Louise Stanyer u dan taht penali ta' elf Euro (€1,000), ghal zmien tnax-il xahar mil-lum.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Daniel Desmond Borg, ipprezentat fir-Registru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar it-13 t' Awwissu, 2021, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha wara li tifli l-provi mill-gdid u tismà s-sottomissjonijiet tad-difiza, tirriforma s-sentenza appallata tat-tlieta u ghoxrin (23) ta' Lulju elfejn u wiehed u ghoxrin (2021) moghtija mill-Qorti Tal-Magistrati (Ghawdex) Bhala Qorti Tà Gudikatura Kriminali billi thassarha in kwantu sabet lill-imputat hati tal-ewwel imputazzjoni u minnha tilliberah, filwaqt li tikkonfermaha fil-bqia fejn gie lliberat mill-bqija tal-imputazzjonijiet l-ohra kollha.

Rat l-atti kollha tal-kaz.

Rat illi l-aggravji tal-appellant huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:

Illi l-appellant ser jkun qieghed jinterponi dan l-umli appell limitatament dwar il-piena inflitta fuqu. L-appellant jikkontendi li din il-piena kellha tkun wahda ferm iktar miti u li tirrifletti c-cirkostanzi kollha tal-kaz odjern.

2. Illi kif ben tajjeb qalet l-ewwel Onorabbli Qorti r-rikorrent "kien agitat u nervuz hafna minhabba li ried jara lil bintu dakinhar stess wara li kien ilu ma jaraha gimgha shiha".

3. Illi dan l-agir kien kollu frott ta` pika minn naha tal-parti offiza u dan minhabba li ghax ir-relazzjoni ta' bejn l-adulti kient spiccat allura nuzaw lil minuri bhala punizzjoni versu l-missier.

4. Illi, *in oltre*, l-appellant jikkontendi li l-Ewwel Qorti kellha tiehu in konsiderazzjoni t-trawma li kull persuna jkollha tghaddi minnha meta jigi mcahhad min uliedu ghal darba tnejn tlieta.

5. Illi l-akkuzi li nstab hati fuqhom l-appellant huma kollha ta` natura kontravenzjonali u allura sentenza ta` detenzjoni hija wahda eccessiva iktar u iktar meta l-Ewwel Qorti setghet tmur ghal-sentenza iktar miti izda fl-istess hin tkun qed tiddixiplina lil-appellant b`mod aktar utli ghas-socjeta` u anke ghalih innifsu.

Ghaldaqstant, l-esponent, ghal dawn il-motivi, u ghar-ragunijiet l-ohra kollha li jistghu jirrizultaw fit-trattazzjoni ta' dan l-umli appell, filwaqt li jinterponi appell mid-decizjoni moghtija nhar id-29 ta' Lulju 2021, fl-ismijiet premessi, u filwaqt li jaghmel referenza ghad-dokumenti kollha, jitlob bir-rispett sabiex din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tikkonferma dik il-parti tas-sentenza fejn illiberat lill-appellant; u

2. Tirriforma l-parti tas-sentenza koncernanti l-piena inflitta fil-konfront tal-appellant u minflok tinfliggi piena aktar idoneja skont ic-cirkostanzi ta' dan il-kaz;

U dan taht dawk il-provvedimenti kollha li din l-Onorabbli Qorti jidrilha li huma xierqa u opportuni fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz.

Semghet lill-partijiet jitrattaw il-kaz u dan fis-seduta tat-23 ta' Settembru 2021 meta awtorizzaw lil din il-Qorit tghaddi ghas-sentenza taghha.

Ikkunsidrat:

Illi dan l-appell huwa limitat għall-piena li ġiet imposta mill-Qorti tal-Maġistrati kif dikjarat mill-appellant stess fl-ewwel aggravju tieghu. Huwa appell iffukat fuq il-piena li ġiet errogata fil-konfront tal-appellant.

Issa kif imfisser fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Tarquin Vella**,[1] il-ġustifikazzjoni tal-piena fl-eżerċizzju tad-Dritt Penali modern hija ppernjata fuq tliet prinċipji kardinali u tiffoka fuq tliet effetti prinċipali, jiġifieri l-effett :

(a) Retributtiv;
(b) Preventiv; u
(c) Riedukattiv jew rijabilitattiv tal-piena.

F'sentenza ricenti fl-ismijiet **il-Pulizija vs Gilbert Bezzina**,[2] din il-Qorti enfasizzat is-segwenti:

> *'L-aspett retributtiv tal-piena huwa, skont il-gurista Francesco Carnelutti, dak li jservi biex jirristabbilixxi moralment is-sitwazzjoni ghal kif kienet qabel ma sehhet il-hsara bil-kommissjoni tar-reat. Il-hati jrid jaghmel tajjeb ghall-azzjoni vjolattiva tad-dritt penali kommessa minnu u li tkun kisret il-paci u trankwillita' socjali.*
>
> *L-aspett preventiv tal-piena huwa dak li jrid jassigura li l-piena tkun strument li bih, grazzi għal biza li s-sanzjoni li tkun tista' tinghata tohloq f'mohh  il-persuni, b'mod li dak li jkun jerga jahsibha darbtejn qabel ma jikkommetti reat. Fi kliem iehor, minabba l-biza li tehel il-piena, persuna tigi mgeghela tixtarr sew il-konsegwenzi t'eghmilha*

[1] Deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali nhar il-15 ta' Settembru, 2020.
[2] Deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali nhar il-16 ta' Ottubru, 2020.

*<u>qabel ma twettaq l-att kriminuż.</u> L-effett preventiv ghalhekk huwa duplici: wiehed ta' natura generali u l-iehor ta' natura specjali.*

*L-effett preventiv generali huwa dak li bis-sahha tal-ligi penali li tistabbilixxi l-piena, l-kollettivita tigi kemm jista' jkun mizmuma milli tikkommetti reati minhabba l-biza li tinkorri fil-piena jekk tinstab hatja. Aktar ma dik il-piena tigi applikata fil-prattika, aktar dak l-effett preventiv generali jkun lahaq il-mira tieghu. L-aspett preventiv specjali huwa dak li japplika ghall-hati innifsu, li jkun esperjenza fuqu personali l-effetti tal-piena, b'mod li darb'oħra jerga jahsibha sew qabel ma jagħzel li jikser il-Ligi. Jekk il-kollettivita titlef din il-biza mill-piena minhabba li l-Ligi penali tibda' titnaqqar fil-kwalita jew kwantita tal-piena jew inkella minhabba li l-pieni ma jigux applikati bir-rigorosita dovuta ghall-fattispecie tal-kaz, allura ma jkun hemm xejn li jgiegħel lill-kollettivita milli tiddezisti ghax jekk tiddelinkwi minghajr konsegwenza jew b'konsegwenza zghira, isir konvenjenti ghall-kollettivita' li tiddelinkwi. Dan iwassal ghal proliferazzjoni ta' delinkwenza b'konsegwenzi nefasti ghall-interessi tal-istess kollettivita'. Il-kollettivita' allura tehtieg li l-piena jkollha aspett preventiv li jkun effettiv u effikaci mehtieg ghall-ezistenza pacifika tal-istess kollettivita. Altrimenti, il-kollass.*

*Finalment hemm <u>l-aspett riedukattiv u rijabilitattiv</u> tal-piena, li tikkoncentra mhux daqstant fuq l-aspett tal-htija specifika tal-hati u li ghaliha tkun immirata l-azzjoni repressiva tal-piena, daqskemm fuq l-aspett ta' trattament terapewtiku individwali, immirat lejn ir-rijabilitazzjoni tal-hati li hu proprju dak li jikkoncerna lil din il-Qorti specjalmet fil-kaz ta' reati kommessi minn teenagers kif inhu dan il-kaz. Dan l-aspett rijabilitattiv huwa krucjali ghall-kollettivita in kwantu <u>jghin lill-hati jghaddi minn process ta' riforma tieghu innifsu biex jghinu jinqata' mir-ragunijiet u l-kundizzjonijiet li jkunu wasluh biex jiddelinkwi, billi jaghraf iqum fuq saqajh, billi jibni hajtu mill-gdid u ma jibqax aktar ta' theddida ghas-socjeta' bhal meta kien filmument meta jkun iddelinkwa.</u>*

*F'dan il-kuntest il-piena ghandu jkollha effetti riedukattivi u korrezzjonali fuq il-hati. Izda aktar minn hekk il-hati ghandu jkollu dawk l-istrutturi mahsuba mill-Istat biex ikun jista' jwettaq dan il-perkors rijabilittativ u jigi mghejjun itejjeb l-imgieba tieghu b'mod li ghalhekk ikun jista' jerga jigi reintegrat fis-socjeta, billi jigi riedukat, imħeggeg jizviluppa t-talenti u l-abbiltajiet tieghu, inkoraggit jahdem biex ikollu biex jerga jibni hajtu, jkollu biex jghix dicenti, ma jkollux ghalfejn jiddelinkwi u jkollu wkoll minn fejn ghad-danni li jkun ikkawza b'eghmilu. F'dan is-sens allura Carnelutti jtenni li l-piena hija distinta mill-kastig, ghalkemm ghandha effikacja repressiva.'*

Il-gurisprudenza prevalenti tghallem li meta Qorti tigi biex terroga piena trid tiehu kont tac-cirkostanzi kollha li jsawru l-kaz, jigifieri dawk tal-vittmi, l-interessi tal-komunita' kollha kemm hi, kif ukoll dawk tal-hati. F'dan is-sens, kemm il-gurisprudenza lokali kif ukoll dik Ingliza tistabbilixxi li fl-eżercizzju ta' revizjoni imholli lilha, il-Qorti tal-Appell Kriminali trid tistharreġ appell fuq il-piena inflitta kemm billi tqis ic-cirkostanzi kollha prevalenti li l-Qorti tal-Ewwel Istanza setghet kienet f'qaghda li tara, kif ukoll, possibilment, lil xi cirkostanza sussegwenti ghas-sentenza ta' l-Ewwel Qorti.

Kif ġie mistqarr mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri) fil-kawza fl-ismijiet **The Republic of Malta vs. Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek**[3] :

*"It is clear that the first Court took into account all the mitigating as well as the aggravating circumstances of the case, and therefore the punishment awarded is neither wrong in principle nor manifestly excessive, even when taking into account the second and third grounds of appeal of appellant Melek. As is stated in Blackstone's Criminal Practice 2004 (supra):*

[3] Deciza mill-Qorti Kriminali (Sede Superjuri) nhar il-25 ta' Awwissu, 2005.

*The phrase 'wrong in principle or manifestly excessive' has traditionally been accepted as encapsulating the Court of Appeal's general approach. It conveys the idea that the Court of Appeal will not interfere merely because the Crown Court sentence is above that which their lordships as individuals would have imposed. The appellant must be able to show that the way he was dealt with was outside the broad range of penalties or other dispositions appropriate to the case. Thus in Nuttall (1908) 1 Cr App R 180, Channell J said, 'This court will...be reluctant to interfere with sentences which do not seem to it to be wrong in principle, though they may appear heavy to individual judges' (emphasis added). Similarly, in Gumbs (1926) 19 Cr App R 74, Lord Hewart CJ stated: '...that this court never interferes with the discretion of the court below merely on the ground that this court might have passed a somewhat different sentence; for this court to revise a sentence there must be some error in principle." Both Channell J in Nuttall and Lord Hewart CJ in Gumbs use the phrase 'wrong in principle'. In more recent cases too numerous to mention, the Court of Appeal has used (either additionally or alternatively to 'wrong in principle') words to the effect that the sentence was 'excessive' or 'manifestly excessive'. This does not, however, cast any doubt on Channell J's dictum that a sentence will not be reduced merely because it was on the severe side – an appeal will succeed only if the sentence was excessive in the sense of being outside the appropriate range for the offence and offender in question, as opposed to being merely more than the Court of Appeal itself would have passed."*

Din hija ukoll il-posizzjoni li qed tittiehed konsistentement minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha Inferjuri. (Ara wkoll **'Il-Pulizija vs Mohamed Berkouk, Maalem Abderrahmane, Lazhari Zamouche'***)*.[4]

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Dailin Bennetti**,[5] din il-Qorti qalet hekk:

[4] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-22 t' Ottubru, 2019.
[5] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-1 ta' Settembru, 2020.

*'Kif intqal aktar il-fuq fl-appell* ***Kandemir*** *u li gie wkoll imbaghad ribadit fl-appell superjuri Ir-****Repubblika ta' Malta vs. Marco Zarb****, deciza nhar il-15 ta' Dicembru 2005, din il-Qorti bhala Qorti ta' appell ma tiddisturbax is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-ewwel istanza semplicimment ghaliex kienet tippreskrivi piena li kienet ghola minn dik li din il-Qorti kif komposta kienet kieku taghti kieku kienet hi li qeghda teroga l-piena. Biex l-appell jirnexxi, kien mehtieg li l-appellant juri li l-piena moghtija mill- Qorti tal-Magistrati kienet tohrog barra mill-parametri tal-piena jew mizuri applikabbli ghall-kaz. Din il-Qorti ma tinterferix ma pieni li ma jkunux jidhru li huma zbaljati fil-principju, ghalkemm ikunu jidhru li huma pieni horox għal xi Gudikanti. Biex piena moghtija minn Qorti tal-Ewwel Istanza tkun tista' tigi mibdula jrid jigi pruvat li kien hemm xi zball fil-principju meta giet emanata dik il-piena.'*

Bhala qorti ta' revizjoni, normalment din il-Qorti ma tiddisturbax id-diskrezzjoni ezercitata mill-Ewwel Qorti fl-applikazzjoni tal-piena, sakemm dik il-piena ma tkunx tezorbita mill-parametri tal-ligi jew ma tkunx manifestament wahda esagerata u hekk kif rifless fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs John Gauci**.[6] Illi m'hemmx dubbju li f'dan il-każ il-piena applikabbli għall-akkużi oriġinarjament miġjuba kontra l-appellant jidħlu fil-parametri tal-piena imposta mill-Qorti tal-Maġistrati u dan anke meta wiehed jikkunsidra s-serjeta' u l-gravita' tal-kaz u r-riperkussjonijiet li thallew fuq il-vittma.

Kif ġie ritenut fis-sentenza Ir-**Repubblika ta' Malta vs. Carmen Butler:**[7]

*"Il-Qorti tal-Appell Kriminali, bhala regola, ma tiddisturbax il-piena erogata mill-Ewwel Qorti, sakemm dik il-piena ma tkunx manifestament sproporzjonata jew sakemm ma jirrizultax li l-Ewwel Qorti tkun naqset milli taghti importanza lil xi aspett partikolari tal-*

[6] Deciza nhar is-26 ta' Marzu, 2009 (Ara ukoll "Ir-**Repubblika ta' Malta vs. David Vella" [14.6.1999], "Ir-Repubblika ta' Malta vs. Eleno sive Lino Bezzina" [24.4.2003] u ohrajn**).
[7] Deciza mill- Appell Kriminali (Sede Superjuri) nhar is-26 ta' Frar, 2009.

*kaz (u anki, possibilment, lil xi cirkostanza sussegwenti għas-sentenza tal-Ewwel Oorti) Ii jkun jincidi b'mod partikolari fuq il-piena."*[8]

**Ikkunsidrat**:

F'dan ir-rigward din il-Qorti fliet l-atti tal-kawża u rat li l-appellant kellu tletin sena meta tressaq b'arrest, rinfaccat bl-akkuzi sucitati li jinkludu theddid u ksur ta'paci pubblika. Illi ta' min jaccena illi l-appellant ma ressaq l-ebda prova quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti izda talab li jsir *social enquiry report*. Minn dan ir-rapport irrizulta fost affarijiet ohrajn li l-appellant trabba minghajr missier u sahansitra omm l-appellant stess stqarret illi dan ghandu problema ta' rabja fi kwistjonijiet li jinvolvu t-tfal tieghu. Hu stqarr li fil-passat kien jabbuza mid-droga kannabis u meta beda dan il-kaz mertu ta' dawn il-proceduri huwa beda jabbuza wkoll mid-droga kokaina u dan ghax skontu ma setghax jara lil bintu. Kien fittex l-ghajuna u mar il-Caritas fejn sarulu tlett testijiet tal-urina li rrizultaw fin-negattiv. Test tal-urina li ttiehed gewwa d-Dipartiment tal-Probation u Parole nhar it-23 t' April, 2021 ukoll irrizulta fin-negattiv. Irrizulta wkoll illi bhalissa ghandu xoghol u relazzjoni stabbli. L-ufficjal tal-probation kien irrakomanda illi jkompli jiehu l-ghajnuna habba l-problema tad-droga, kif ukoll jiehu l-ghajnuna sabiex jitghallem kif ghandu jgib ruhu f'sitwazzjonijiet differenti fil-hajja tieghu.

Il-Qorti rat il-fedina penali tal-appellant esebita fl-atti u minn ezami ta' l-istess jirrizulta li l-appellant fl-2014 kien instab hati, flimkien ma' ohrajn, li kkaguna ferita gravissima fuq terza persuna, fost akkuzi ohrajn u fl-2015 kien ukoll instab hati li saq vettura minghajr licenzja u *insurance.* Illi minn dakinhar l-appellant ma jidhirx li kellu xi sentenzi ohrajn decizi fil-konfront tieghu.

Din il-Qorti filwaqt illi taghmilha cara illi tikkundanna bl-aktar mod car attitudnijiet tal-bullijiet, b'mod specjali f'kazijiet li jinvolvu tfal minuri, hi tal-fhema illi l-appellant ghandu problemi li qatt ma gew indirizzati, fosthom dik tal-*anger management*. L-appellant innifsu, kif stqarr mal-probation officer li kien hejja *s-social enquiry report*,

[8] Ara wkoll **Il-Pulizija vs. Rabia Yavuz u Muzekka Deneri**, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-6 t' Awwissu, 2021.

kien fittex l-ghajnuna minn jeddu meta rrealizza illi l-problema tad-droga li kellu kienet eskalat. Dan juri illi hemm xaqq ta' tama li l-appellant kapaci jghin lilu nnifsu sabiex ikun persuna ahjar. Ghaldaqstant din il-Qorti ma jidhrilhiex illi piena ta' detenzjoni ser twassal ghar-riforma tal-appellant, sabiex dan ikun persuna ahjar u b'mod specjali biex ikun missier ezemplari ghal uliedu. Kif il-Qorti ddecidiet fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Marica Muscat,**[9] din il-Qorti ser taghmilha cara illi ser tkun qed taghti l-ahhar opportunita' lill-appellant sabiex jindirizza l-problemi li ghandu bis-serjeta'.

Fl-appell bl-ismijiet **Il-Pulizija v. Nathan Cooper**,[10] il-Qorti tenniet is-segwenti:

> *'Illi b' eccezzjoni ghall-principju li din il-Qorti normalment ma tiddisturbax id-diskrezzjoni fdata f' idejn il-Qorti tal-ewwel grad, hemm l-hekk imsejha window of opportunity li l-Qrati taghna gharfu jisfruttaw f' sitwazzjonijiet fejn* ***konferma ta' piena karcerarja tista' ma tkunx fl-ahjar interess sia tal-imputat kif ukoll tas-socjeta' meta l-imputat jipprezenta ruhu bhala bniedem riformat jew almenu miexi sewwa f' dik id-direzzjoni bil-prospettiva li jerga' jsir cittadin denju u affidabbli fis-socjeta'.****'*

Illi ghalhekk din il-Qorti filwaqt illi tilqa' l-appell tal-appellant, tiddisponi minnu billi tirriforma s-sentenza appellata u tikkonfermaha f'dik il-parti li fiha l-Ewwel Qorti ma sabitx lill-appellant hati tal-ewwel, t-tieni, is-sitt u s-seba' imputazzjonijiet u lliberatu minnhom u ssibu hati tat-tielet, raba' u l-hames imputazzjonijiet u tvarja s-sentenza billi thassarha f'dik il-parti li fiha kkundannatu ghal terminu ta' gimgha detenzjoni u minflok, fit-termini tal-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, qed tqieghed lill-appellant taht Ordni ta' Probation ghall-perjodu ta' sentejn mil-lum bil-ghan li jkollu l-ghajnuna necessarja sabiex jindirizza l-problema li huwa ghandu ta' anger management u abbuz ta' drogi.  F'din l-Ordni l-qorti sejra tordna lill-ufficcjal tal-Probation sabiex tiehu testijiet tal-awrina tal-appellant ghall-gharreida u f'kaz li

---

[9] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali nhar it-12 ta' Dicembru 2011.
[10] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-28 ta' Gunju, 2018.

wiehed minn dawn it-testijiet jirrizulta fil-posittiv ikun ifisser li l-appellant ma tghallimx jusufruwixxi ruhu minn din l-opportunita li qed tinghata lilu. Tghamilha cara li abbuz ta' droga u dan anke senjatament ghal rizultat wiehed posittiv ghal tali presenza ta' sustanza illecita ikun jekwevali ghal ksur ta' din l-Ordni ta' Probation.

Il-Qorti spjegat fi kliem car l-obbligi tieghu naxxenti minn din is-sentenza kwantu l-Ordni ta' Probation u ordnat li kopja ta' din is-sentenza tintbaghat lid-Direttur Servizzi tal-Probation.

Oltre minn hekk, din il-Qorti tikkonferma wkoll fejn l-Ewwel Qorti rabtet lill-hati b'obbligazzjoni li ma jimmolestax u ma jdejjaqx lil Marie Louise Stanyer taht penali ta' elf euro (€1000) ghal zmien sena u dan ai termini ta' Artikolu 383 ta' Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Consuelo Scerri Herrera
Imhallef

Nadia Ciappara
Deputat Registratur

**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)**

**Il-Pulizija**

**Spettur Roderick Attard**

**Vs**

**Daniel Desmond Borg**

**ORDNI TA' PROBATION**

**[Artikolu 7(1) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta]**

Seduta ta' llum 28 ta' Settembru 2021

Billi b'sentenza moghtija llum fil-kawza fl-ismijiet fuq premessi l-imsemmija persuna mputata **Daniel Desmond Borg** ta' **31** sena bin **missier mhux maghruf u Giovanna Borg**, imwieled **Pieta'** nhar **l-ghaxra (10) ta' Jannar 1990** u residenti **Blk H, Flat 14, Triq Lellux, Santa Lucija**, detentur tal-karta tal-identita li ggib in-numru **54990M** jigi mpoggija taht Ordni ta' Probation ai termini tal-artikolu 7(1) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta ghal perjodu ta' **sentejn (2) mill-lum**.

Wara li kkunsidrat li jkun xieraq li jsir dan l-Ordni ta' Probation;

Wara li fissret bi kliem car l-effetti ta' dan l-Ordni ta' probation lil persuna mputata, inkluz l-htigijiet mizjuda skond s-sub artikolu 7(1) tal-Kap 446 w innutat li l-istess persuna mputata wriet li trid thares l-htigijiet ta' din l-istess Ordni;

Tordna lil persuna imputata titqiegħed taħt ordni ta' probation għal perjodu ta' **sentejn (2) mill-lum** taħt dawn il-ħtiġijiet:

1. Illi matul dan il-perjodu l-persuna mputata għandha ġġib ruħha tajjeb, tgħaddi ħajja ta' bżulija u toqgħod għad-direttivi kollha tal-Probation Officer, inkluż kull direttivi li l-Probation Officer jħoss li jkunu neċessarji sabiex ma tiffrekwentax ċertu postijiet u/jew ċerti nies;

2. Illi l-persuna mputata għandha tibqa żżomm kuntatt kontinwu mal-istess Probation Officer skond d-direttivi li dan jagħtiha minn żmien għal żmien u partikolarment hija għandha, jekk l-Probation Officer jkun irid hekk, tirċievi żjarat tiegħu fid-dar tagħha;

3. Illi l-persuna mputata għandha minnufih tgħarraf lil Probation Officer b'kull tibdil ta' residenza u/jew xogħol tagħha;

4. Illi l-persuna mputata għandha tidher quddiem il-Qorti flimkien mal-istess Probation Officer kull erbgħa xhur fid-data w il-ħin li jiġu komunikati lilha mill-istess Probation Officer bl-iskop li l-Qorti jkollha rapport dwar l-andament u l-imġieba tal-persuna mputata; u

5. Li l-persuna mputata tissottometti ruħa għal kul tip ta' test kontra l-abbuż ta' droga li jiġi hekk ordnat lilu mill-uffiċċjal tal-probation u f'każ li l-ħati jirrifjuta li jagħmel it-test jew joqgħod għal xi direttiva f'dan ir-rigward dan in-nuqqas ikun jammonta għal ksur ta' din l-Ordni tal- probation.

6. Li iżur psikologa sabiex jindirizza l-problema li huwa għandu ta' anger management biex bhekk jindirizza l-agur tiegħu speċjlament fir rigward ta' uliedu.

Tordna li kopja ta' din l-Ordni tinghata lil hati u lid-Direttur inkarigat mill-Ufficju tal-Probation Services.

……………………………..

……………………………..

Dr. Consuelo Scerri Herrera LL D

Imhallef